# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-17 ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru : 69/2021 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**JA**

**Vs**

**IM**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' JA, datat 19 ta' Frar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponent u l-intimata izzewgu fid-29 ta' Ottubru, 2004 (Dokument A), u miz-zwieg taghhom ma kellhomx ulied.*

2. *Illi l-partijiet isseparaw legalment b'mod definitive in forza ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool tal-15 ta' Jannar, 2015 (Dokument B). huma stabbilew li kienu ddekadew mid-dritt illi jircevu l-manteniment minghand xulxin.*

3. *Illi ma hemm l-ebda possibilita' kwalsiasi ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*L-esponent ghalhekk jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(i) Tiddikjara xjolt iz-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Gunju, 1984;*
*(ii) Tordna illi ssir l-annotazzjoni opportuna tad-dikjarazzjoni tax-xoljiment taz-zwieg taghhom fl-atti taz-zwieg relativ.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, dehret mhux assistita fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2021, u wara li l-Qorti spjegatilha d-drittijiet legali taghha, ddikkjarat illi ma tehtiegx tali assistenza legali u li ma topponix ghad-divorzju (vide fol 10);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-partijiet ddikjaraw li ma ghandhomx provi jew trattazzjoni ulterjuri x'jipproducu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 10);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JA** xehed (vide fol 13) illi hu zzewweg lill-intimata nhar id-29 ta' Ottubru 2004 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Ikkonferma illi dan iz-zwieg filfatt ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat nhar il-15 ta' Jannar 2015. Sostna illi mis-separazzjoni sal-lum l-gurnata qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess. Di piu xehed illi ma hemmx manteniment dovut lil martu.

**IM** xehdet (vide fol 11) u kkonfermat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx***

***meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Ottubru 2004, liema zwieg jgib certifkat numru 1985/2004 ( vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3) u minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool nhar l-15 ta' Jannar 2015 (vide kuntratt ta' separazzjoni Dok B a fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar zmien rikjesti mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1985/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**